dejjem
*Kreattiv, Innovattiv, Professjonali*

# EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA
## Kulleġġ Maria Regina
## Sena Skolastika 2014 / 2015

| Is-Sitt Sena | **Reliġjon** | Ħin: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

Isem: ____________________________________

Klassi: ____________________________________

Skola: ____________________________________

**Marka Totali** | |



TAQSIMA A

STORJA TA' MĦABBA

**Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. L-ewwel waħda hija eżempju.** ***(10 marki)***

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-poplu Lhudi | Mosè | Iżakk | San Ġwann il-Battista | It-Testment il-Qadim | qaddisin |
| L-Arkanġlu Ġabriel | **Adam** | David | Ġakobb | art Imwiegħeda | |

1. **Adam** huwa l-ewwel bniedem fid-dinja.
2. _______________huwa t-tifel ta' Abram.
3. ________________kellu tnax-il iben.
4. ________________kien mgħakkes għal żmien twil fl-Eġittu.
5. _______________ħareġ lill-poplu Lhudi mill-Eġittu.
6. Alla għen lill-poplu Lhudi jasal fl-_______________.
7. ____________kien ragħaj u ġie magħżul biex ikun sultan.
8. _______________ħabbar lil Marija li kellha tkun omm Alla.
9. ____________________beda jxandar li wasal il-Messija.
10. L-ewwel parti tal-Bibbja tissejjaħ___________________.
11. Il-_____________ għexu ħajja tajba u jibqgħu ta' eżempju tajjeb għalina.

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** ***(10 marki)***

1. Lil Abram Alla wiegħdu (il-kmadamenti, nisel kbir, l-Ispirtu s-Santu).

2. Il-vuċi ta' Alla fina tissejjaħ (il-kburija, l-għerf, il-kuxjenza).

3. Ġesù qal ħallu (lin-nies, lit-tfal, liż-żgħażagħ) jiġu għandi.

4. Alla ta (l-kmandamenti, s-salmi, l-kalendarju) biex juri lill-poplu tiegħu kif għandu jgħix ħajja aħjar.

5. Il-(ragħajja, profeti, mastrudaxxi) kienu jwasslu l-messaġġ tal-Mulej lill-poplu tiegħu.

6. L-aħħar profeta kien (Samwel, Ġwanni l-Battista, San Ġwann)

7. Il-grupp ta' tnax-il raġel li Ġesù għażel huma (il-qassisin, l-appostli, l-imħallfin)

8. Ħobb 'l Alla u 'l proxxmu tiegħek bħalek (għajrek, innifsek, proxxmu)

9. Ġesù ġabar il-kmandamenti f'kmandament wieħed dak tal-(mibgħeda, għira, imħabba)

10. Il-ħajja ta' Ġesù nsibuha (fit-Testment il-Qadim, fit-Testment il-Ġdid, fl-Atti tal-Appostli).

11. Fit-Testment il-Qadim Alla sejjaħ lil (Izakk, Mosè, Abram) biex jagħti bidu għal poplu ġdid.



**X'għandek tagħmel biex tgħix fuq l-eżempju ta' Ġesù ?** *(6 marki)*

**1.** Immaġina li tisma' żewġt iħbieb jigdbu fuq xi tifel jew tifla fil-klassi tiegħek, x'tagħmel? (3marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**2.** Inti tkun għamilt żball iżda ma tinqabadx, minflokok jeħel xi ħaddieħor. Għandek tgħid il-verità? Għaliex? (3 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________



TAQSIMA B

IL-BIBBJA

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B. L-ewwel waħda hija eżempju.** *(10 marki)*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | It-Testment il-Qadim | | San Mattew, San Mark, San Luqa u San Ġwann. |
| 2. | It-Testment il-Ġdid jirrakonta | | ġabra ta' 73 ktieb. |
| 3. | Il-Bibbja mhix ktieb wieħed, imma hija magħmula minn | | f'żewġ taqsimiet, imsejħa Testmenti. |
| 4. | L-Evaġelisti huma | | l-Evanġelju. |
| 5. | Il-kittieba tal-Bibbja kienu mnebbħa | | ikun meħud mit-Testment il-Qadim. |
| 6. | San Pawl kiteb | | permezz ta' Ibnu. |
| 7. | Fil-quddiesa l-qassis jaqra | | l-Pentatewku. |
| 8. | L-ewwel qari tal-quddiesa | | mill-Ispirtu s-Santu. |
| 9. | Alla kellimna | | ħafna ittri. |
| 10. | L-ewwel ħames kotba tal-Bibbja huma | | il-ħajja ta' Ġesù li ġie fid-dinja biex jgħaqqadna mal-Missier. |
| 11. | Il-Bibbja hija maqsuma | 1 | hu maqsum f'46 ktieb differenti. |



**TAQSIMA Ċ**

**IL-KALENDARJU**

**Imla l-kelma. L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.** *(9marki)*



1. Il-ġrajjiet kbar li għadda minnhom Ġesù niċċelebrawhom tul sena li nsejħulha is-Sena <u>Liturġika</u>.
2. Jekk ngħixu ħajjitna fuq dik ta' Ġesù mmorru l-**ġ**________.
3. Is-Sena Liturġika tgħinna ngħixu mill-ġdid il-**m**___________ l-kbar fil-ħajja ta' Ġesù.
4. Is-Sena Liturġika tinqasam f' **ħ**__________ taqsimiet.
5. It-taqsima tal-Avvent tippreparana għal Żmien il-**M**_________.
6. Avvent tfisser **m**_________ għax f'dawn il-ġranet naħsbu fuq l-wasla ta' Ġesù fostna.
7. Ir-**R**_____________ hu erbgħin ġurnata ta' tħejjija għall-akbar festa tal-knisja li hija l-Għid.
8. Fil-Pentekoste s-saċerdot jilbes il-kulur **a**__________ li jfisser l-imħabba ta' Alla.
9. Fl-Għid u l-Milied jintuża l-kulur **a**__________ li huwa sinjal ta' ferħ u dawl.
10. Fi Żmien Matul is-Sena naħsbu fuq il-mirakli u t-**t**__________ ta' Ġesù.

**Imla bis-sagrament it-tajjeb. L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.** *(5 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | Is-saċerdot jitfa' l-ilma fuq ras it-tarbija. | **Il-Magħmudija** |
| **2.** | Meta jkollna madwar tnax-il sena jkun wasal il-mument li nagħmlu dan is-sagrament. | |
| **3.** | Ġesù ried jibqa' magħna u għalhekk waqqaf dan is-sagrament. | |
| **4.** | Meta jkun hemm konflitt bejnietna aħna nsiru ħbieb ma' Alla u ma' xulxin permezz ta' dan is-sagrament. | |
| **5.** | Hu s-simbolu ta' qawwa fir-ruħ u fil-ġisem għal min speċjalment ikun dgħajjef f'saħħtu. | |
| **6.** | F'dan is-sagrament l-għarajjes jistiednu lil Alla biex ikun magħhom tul ħajjithom kollha. | |

**Din hija silta qasira mill-ittra ta' San Ġakbu. Aqra sewwa s-silta imbagħad kompli s-sentenzi ta' taħt.** *(6 marki)*

Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja; u ħalli dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f' isem il-Mulej: it-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu. Stqarru wieħed lill-ieħor in-nuqqasijiet tagħkom u itolbu għal xulxin biex hekk tfiqu. (Ġakbu 5, 13-16)

**1.** San Ġakbu qed jikteb dwar is-Sagrament tal- _______________. (marka)

**2.** Skont San Ġakbu t- _____________ iwassal għall-fejqan. (marka)

3. F'dan is-sagrament is-___________ jidlek biż-__________ imbierek il-ġbin u l-idejn tal-marid biex bil-grazzja tal-Ispirtu s-Santu l-marid iħoss l-imħabba u l-ħniena tal-Mulej. (2 marki)

4. Permezz ta' dan is-sagrament, jekk tkun ir-rieda ta' Alla, il-___________ ifiq mill-marda tiegħu u jinħafrulu d-___________. (2 marki)

## TAQSIMA D

## IT-TWELID TA' ĠESÙ – IL-MILIED

**Imla l-vojt. L-ewwel waħda hija eżempju.** (*10 marki)*

1. Il-Milied hu żmien ta' **<u>ferħ.</u>**

2. Fil-Milied niftakru li l-Iben ta' Alla sar **b**_______________ għalina.



3. Il-messaġġ veru tal-Milied huwa li għandna nkunu ta' **s**_____________ għall-oħrajn.

4. Il-Madonna kienet **o**______ Ġesù.

5. San Ġużepp kien mit-tribù ta' **Ġ**__________ mill-familja tar-Re **D**_________.

6. San Ġużepp huwa l-patrun tal-Knisja Universali u tal-**m**______________.

7. Is-Slaten Maġi żaru lil Ġesù fid-dar tiegħu meta kellu xi **s**_____________.

8. San **F**________________ għamel l-ewwel presepju.

9. L-isem Gabrijel ifisser Alla hu **k**_______________.

10. San **Ġ**___________________ beda l-purċissjoni tal-Bambin Ġesù f'Malta.

Imla din it-tabella bl-informazzjoni nieqsa dwar il-Madonna. *(5 marki)*

<table>
<tr><td>Isem: <u>Marija</u></td><td rowspan="6"></td></tr>
<tr><td>Data tat-Twelid:<br><br>______________________________</td></tr>
<tr><td>Post tat-Twelid:<br><br>______________________________</td></tr>
<tr><td>Data tal-festa tat-Tlugħ fis-Sema:<br><br>______________________________</td></tr>
<tr><td>Xogħol:<br><br>______________________________</td></tr>
<tr><td>Fatt speċjali: Hija telgħet is-sema...<br><br>______________________________</td></tr>
</table>

TAQSIMA E

NIKKOMUNIKAW

**Ġesù jgħallem bil-parabboli:** ***(10 marki)***

Waħda mill-parabboli tirrakkonta dwar missier li kellu żewġt itfal subien. Iż-żgħir iddejjaq id-dar u wara li qal lil Missieru biex jagħtih sehmu mill-ġid tal-familja telaq 'il bogħod. Dan nefaq flusu kollha fix-xalar bla rażan u spiċċa fqir, bla ħbieb u bil-ġuħ. Hawnhekk induna bl-iżball li għamel, iddispjaċih u mar



lura għand missieru biex jitolbu jaħfirlu u jilqgħu lura imqar bħala qaddej. Missieru, kif rah ġej mill-bogħod, ħareġ jilqgħu, għannqu miegħu u għamillu festa.

1. Din il-parabbola jisimha l-Parabbola (tar-Ragħaj it-Tajjeb, tal-Iben il-Ħali, taż-Żerriegħa). (marka)

2. Il-parabbola hi (miraklu, priedka, storja) li kien jirrakonta Ġesù biex jgħallem. (marka)

3. Semmi żewġ affarijiet li għamel il-missier biex juri li jħobb lil ibnu. (2 marki)

(i)________________________________________________________________

(ii)_______________________________________________________________

4. X'tana Ġesù biex jgħinna nagħmlu ħbieb ma' Alla meta noffenduh? (2 marki)

___________________________________________________________________

5. X'messaġġ ried iwassal Ġesù permezz ta' din il-parabbola? (2 marki)

___________________________________________________________________

___________________________________________________________________

6. L-ewwel żewġ affarijiet li rrid nagħmel biex inqerr tajjeb huma li _______________ dnubieti tajjeb u wara ________________ minnhom. (2 marki)

## TAQSIMA F

## SIMBOLI TA' MĦABBA

**Poġġi dawn il-kliem taħt il-kolonna t-tajba. L-ewwel waħda hija eżempju.**

*(6 marki)*

| **impulluzzi** | tabernaklu | minaret | moskea | kalci | kurċifiss | menorah |
|---|---|---|---|---|---|---|

| Nsara | Musulmani | Lhud |
|---|---|---|
| impulluzzi | | |
| | | |
| | | |
| | | |

**Kompli dawn is-sentenzi dwar il-ġrajja tal-Pentekoste.** *(7 marki)*

1. Fit- Testment il-Ġdid, din il-ġrajja nistgħu naqrawha fil-ktieb _________
______________________________________________________________

2. L-appostli kienu miġburin flimkien ________________________________

3. F'daqqa waħda semgħu ____________________________________

4. Raw dawl qawwi qisu ____________________________________

5. Wara din il-ġrajja, l-appostli ________________________________

6. In-nar fuq ras l-appostli jirrappreżenta___________________________
______________________________________________________________

7. In-nar jissemma wkoll fil-ktieb tal-Eżodu fil-ġrajja_________________
______________________________________________________________

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.** ***(6 marki)***

*"Jien il-ħobż ħaj li nieżel mis-sema; jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem"*

**1.** Min qal dan il-kliem? (marka)

____________________________________________________________

**2.** Ma xhiex iqabbel il-ħobż Ġesù? (2 marki)

____________________________________________________________

**3.** Semmi persuna li bidlet ħajjitha wara li ltaqgħet ma' Ġesù. (marka)

____________________________________________________________

**4.** Għid kif saret din il-bidla? (2 marki)

____________________________________________________________



## TMIEM IL-KARTA